# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 30

It-Tnejn 29 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**29 ta' Novembru 2021**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**30.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-29

**30.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 29 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**30.3.01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kuntrattur tal-ġbir ta' skart dwar il-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Huma nformaw lill-Kunsill li l-iskart mhux ser jinġabar f'dawn il-jiem. Peress li dawn il-festi ħa jaħbtu s-Sibt din ma taffetwax il-lokalita tal-Għasri.

**30.3.02** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident ta' Triq il-Fanal dwar imblokkar ta' bankina. Is-Segretarja bagħtet ittra fejn talbet lir-resident biex ineħħi l-oġġetti li qed jimblokkaw din il-bankina.

**30.3.03** Il-Kunsill irċieva email fejn ġie nformat li ser jiehu fondi għall-iskema tal-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 (SPI/SCI/3/2021). Minflokk 50% il-Kunsill ser jingħata 75% ta' dak mitlub. Il-Kunsill talab l-għajnuna minn din l-iskema għall-istampar tal-Kalendarju 2022.

**30.3.04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar il-Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv. Dan ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**30.3.05** Ċirkulari SPI/SCI/8/2021 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sat-Tnejn 27 ta' Diċembru 2021.

**30.3.06** Ċirkulari SPI/SCI/9/2021. Il-Proċess u l-finanzjament ta' Grant Schemes lill-Kunsilli Reġjonali/Lokali.

**30.3.07** Email mingħand is-Sur Mario Fava dwar devoluzzjoni ta' art. Il-Kunsilliera ddiskutaw id-devoluzzjoni tal-biċċa art fi Triq il-Fanal. Din kienet ġiet irrefjutata izda l-Kunsill ġie mitlub mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mir-Reġjun Għawdex biex jerġa japplika. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jerġa japplika għad-devoluzzjoni ta' din il-biċċa art fi Triq il-Fanal.

**30.3.08** Ittra mingħand is-Sur Toni Calleja dwar pubblikazzjoni ta' tielet u l-aħħar ktieb dwar l-istorja tal-Knisja Parrokkjali. Peress li dan il-ktieb jsir mingħajr reklami

u huwa dwar l-istorja tal-Għasri, l-Kunsill qabel unanimament li jiffinanzja dan il-ktieb. Il-Kunsill talab għall-kwotazzjonijiet tal-istampar.

**30.3.09** Ċirkulari 11/2021 – Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali. Ċirkulari dwar il-ħruġ ta' permessi li jikkonċernaw it-tqiegħed ta' imwejjed u siġġijiet kif ukoll dwar id-depożitu jew l-użu ta' krejn jew makkinarju. Il-Kunsill ma jkollux applikazzjonijiet ta' mwejjed u siġġijiet. Dwar il-permessi tal-makkinarji, s-Segretarja nformat lill-iskrivana sabiex timla l-formuli kollha mitluba.

**30.3.10** Email mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar Milied Solidali – Għoti ta' Ikla tal-Milied 2021 għall-persuni partikulari fil-Lokalita'. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-inizjattiva. Il-Kunsill flimkien mal-parroċċa ser joffri sabiex l-ikla ssir fiċ-Centru Parrokkjali filwaqt li dawk il-persuni li ma jistgħux jattendu ser jingħataw l-ikel fi djarhom.

**30.3.11** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bzonn li jiġi nstallat bollard tal-plastic ħdejn rampa fi Triq ta' Għammar. Dan għaliex kien hemm inċident ta' traffiku. Is-Segretarja nformat lil-Kunsill li din għandha tiġi approvata mit-Transport Malta. Il-Kunsilliera qablu mas-Sindku li m'hemmx bzonn ta' approvazzjoni.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**30.4.01** Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff informat lill-Kunsill li hi attendiet laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar il-"Public Charging Infrastructure" fis-26 ta' Novembru 2021. Dawn il-pillars il-ġodda li ġew installati (wieħed fl-Għasri) għadhom mhux qed jaħdmu. Is-Sinjura Mintoff informat lill-Kunsill li dawn il-pillars meta jibdew jaħdmu mhux ħa jkollhom "charges".

**30.4.02** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill li hu għamel is-sottomissjonijiet tal-Kunsill minħabba l-inizjattiva tal-*On the Road 2022*.

Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill ukoll li hu iltaqa mal-Kumitat tat-Tiġrijiet dwar it-tazza tas-Sugar Cup. Huma laqgħu s-suġġeriment tagħna u se jibdew jagħmlu l-"Ghasri Sugar Cup" annwali fix-xahar ta'Marzu/April. Huma talbu ħlas ta' €400 għal kull tournament. Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace qal li sa kemm idum fil-Kunsill hu lest li jħallas dawn l-ispejjeż hu.

**30.4.03** Il Viċi Sindku informa lill-Kunsill li hu attenda l-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex f'isem il-Kunsill. F'din il-laqgħa ġie diskuss il-ftuħ ta' bereġ mill-ġdid; li jiġi kkunsidrat li jibdew isiru attivitajiet madwar l-irħula kollha fl-okkazzjoni ta' Jum Għawdex u mhux biss fir-Rabat.

Il-Viċi Sindku talab ukoll biex jibda l-proċess biex tinħareġ l-offerta għad-dizinn tal-pjazza. Għal dan il-għan il-Viċi Sindku talab lis-Segretarja biex tiċċekja dwar ix-xelter li jinsab taħt il-pjazza. Hu talab biex is-Segretarja tagħmel kuntatt mal-Forzi Armati biex tara jekk għandhomx pjanta. Dan irrizulta fin-negattiv.

**30.4.04** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab sabiex jitranġa l-ħajt li waqa fi Triq Wied l-Għasri peress li dan huwa perikuluz.

Il-Kunsillier Sammy Saliba semma wkoll l-istat ħazin ta' Triq il-Gallina. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li hi bagħtet "reminders" lill-Ministru dwar din it-triq kif ukoll it-toroq arterji tal-Għasri li għandhom bzonn manutenzjoni. Triq il-Gallina kellha ssir mill-ġdid mill-Ministeru għal Għawdex. Dan ġie diskuss waqt il-laqgħa li nzammet mal-Ministru fi Frar 2021.

Sammy Saliba ssuġġerixxa li ssir kompetizzjoni ta' l-isbah faċċata mżejna għall-Milied. Is-Sindku qal li filwaqt li hija idea tajba ħafna qegħdin tard biex noħroġu din il-kompetizzjoni. Wieħed irrid jikkonsidra din qabel biex in-nies ikollhom ħin biżżejjed biex jzejnu.

## 30.5 Milied 2021;

**30.5.01** Ikla għall-persuni waħedhom. Kien hemm qbil (ara paragrafu 30.3.10) dwar din.

**30.5.02** Tqassim ta' rigali minn Santa Claus. Qed tinġabar lista bi tfal li ser jingħata rigal mingħand Santa Claus. Din ser issir nhar il-Gimgħa 24 ta' Diċembru. Is-Segretarja ġabret stima għal dan is-servizz (b'ziemel bil-karru mzejjen tal-Milied. Dan is-servizz ġie offrut għall-prezz ta' €250. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-prezz. Dan għandu jsir għall-ħabta tal-5:00 jew wara. Gie ssuġġerut li fl-istess ħin jingħata rigal lil dawk il-persuni li huma homebound. (Il-lista ta' dawn il-persuni ser tinġabar mis-Segretarja).

**30.5.03** Play tal-Milied. Għalkemm ma kienx hemm konkorrenza qawwija se issir play qasira qabel il-Quddiesa tal-Milied (f'lejliet il-Milied), kif ukoll il-Priedka tal-Bambin.

**30.5.04** Ikla tal-Milied. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill issir aktar tard kif saret fil-passat. Din tiġi deċiza fil-laqgħa li jmiss.

**30.05.05** Il-Kunsill ġie nformat mill-Local Government Division li l-applikazzjoni tagħna (SPI/SCI/6/2021) ma kkwalifikatx. Peress li hemm applikazzjoni għall-finanzjament ta' Skema Reġjonali -Kultura Għawdex 2021 li għalih il-Kunsill jista japplika għall-Milied il-Kunsill approva li napplikaw taħt din l-iskema.

## 30.6 Laqgħa Pubblika;

**30.6.01** Se issir laqgħa pubblika skont it-termini tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li din il-laqgħa ssir qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss fit-23 ta' Diċembru. Għalkemm il-Kunsill jrid jiddiskuti l-baġit tas-sena 2022 f'din il-laqgħa il-Kunsill għadu ma rċieviex l-informazzjoni dwar l-allokazzjoni għal din is-sena.

## 30.7 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull Kwart Ġunju-Settembru 2021;

**30.7.01** Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa Rawh u ma kienx hemm domandi dwaru.

Il-Kunsill iddiskuta u approva dan ir-rapport unanimament.

## 30.8 Proġett: Ġnien Kenn tas-Salvatur;

**30.8.01** Il-permess minn l-Awtorita' tal-Ippjanar ġie approvat. Il-Kunsill ħareġ tlett offerti inkonnessjoni ma xogħol li jrid isir. Għal dan il-għan il-Kunsilliera iddeciedew biex jaħtru bord tal-evalwazzjoni li jikkonsisti minn Perit indipendenti (Manuela Mercieca), Inġinier (Mario Cauchi) u Fabian Galea.

**30.8.02** Fuq talba tal-Curia ta' Għawdex il-Kunsill ġab stima ta' Perit għall-kera ta' art fejn ser issir il-proġett "Ġnien Kenn tas-Salvatur". L-istima tal-Perit hija ta' €1,400 fis-sena. Dan huwa prezz li ġie aċċettat mill-Curia. Il-Kunsill kien qed jaħseb madwar l-istess ammont u għalhekk dan il-prezz ġie approvat. Il-Kunsill ġie mitlub mill-Curia biex jagħmel kuntratt bil-miktub biex jiġi ffirmat. Is-Sindku ser jieħu ħsieb dan id-dokument.

## 30. 9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta'Pagamenti;

**30.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-30 biex tkun approvata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 30.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**30.10.01** Il-laqgħa ntemmet fid-20.45 u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 23 ta' Diċembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, 22 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |